MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 182/2012

**Anthony Camilleri**

**vs**

**Persian Ltd**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-30 ta’ Marzu 2012 minn Raymond Avallone (ID 368354M) a tenur tal-artikolu 281 tal-Kap 12, fejn ir-rikorrent talab li l-effetti tal-Mandat Nru 135/12 ipprezentat mill-attur kontra s-socjeta konvenuta, u li biha inqabdet il-vettura **LCJ-446** propjeta tar-rikorrent, jigi revokat in parte fejn jolqot l-istess vettura **LCJ-446** propjeta tar-rikorrent.

Rat ir-risposta ta’ Anthony Camilleri ipprezentata fl-4 ta’ Mejju 2012 fejn, fost affarijiet ohra, talab illi r-rikors jigi

michud peress illi l-vettura in kwistjoni kienet irregistrata fuq is-socjeta konvenuta jew azzjonisti taghha sad-9 ta' Ottubru 2011 u r-rikorrent kien biss qed jidher bhala *presta nome*.

Rat illi fit-22 ta' Mejju 2012 il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghal-4 ta' Gunju 2012.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2012, il-Qorti giet infurmata illi l-meritu tar-rikors gie ezawrit peress illi inhareg il-kontro mandat rikjest u l-vettura **LCJ-446** propjeta tar-rikorrent ma kienetx ghadha soggetta ghall-Mandat ta' Qbid fuq indikat.

Rat illi fit-2 ta' Novembru 2012 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet ma waslux ghal ftehim fuq il-kap ta'l-ispejjez u ghalhekk il-kaz seta jigi differit ghas-sentenza fuq il-kap ta'l-ispejjez.

Rat illi l-proceduri odjerni kienu rizultat ta' Mandat ta' Qbid Nru 135/12 mahrug minn Anthony Camilleri fil-konfront ta' Persian Limited u ezegwit erronjament fuq il-vettura tar-rikorrent.

Rat illi l-attur Anthony Camilleri, mhux biss ma rregolax is-sitwazzjoni meta gie faccjat b'tali zball, izda fir-risposta talab illi r-rikors jigi michud.

Rat illi sussegwentement il-kontro mandat inhareg u l-karozza giet rilaxxjata.

Illi ghalhekk huwa car li ma kien hemm ebda raguni ghaliex il-Qorti ma ghandhiex twahhal l-ispejjez tal-proceduri odjerni fuq min ghamel il-Mandat ta' Qbid.

**Il-Qorti**

**Ghalhekk taqta u tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-meritu tal-kaz peress illi dana gie transatt, tikkundanna lil Anthony Camilleri ihallas ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni sofferti minn Raymond Avallone.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------